# L-Istatwarju Carlo Darmanin
## (1825 - 1909)
minn Eugene F. Montanaro LL.D.



Fost l-aħjar statwarji Maltin tas-seklu tmintax li ħadmu bil-materjal tal-kartapesta, jissemmew l-aktar Carlo Darmanin u Vincenzo Cremona.

L-istoriċi Pietru Pawl Castagna u Giovanni Faure' jgħarrfuna li l-vara artistika tal-Madonna ta' Lourdes, meqjuma b'għożża kbira fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi, nħadmet mill-istatwarju Carlo Darmanin fis-sena 1878 (1).

Il-vara tal-Madonna ta' Lourdes tirrifletti bosta karatteristiċi tal-Hila artistika tal-istatwarju Carlo Darmanin; ngħidu aħna, il-grazzja kbira fil-wiċċ, fl-espressjoni u fil-poża devota tal-figura tal-Madonna. "Speċjalita` oħra ta' l-istatwi ta' Carlo Darmanin," jikteb il-Kav. Rafel Bonnici Cali', æhija kif iqassam id-drapp bil-piegi naturali bl-istess skola li kellu l-pittur Giuseppe Cali' ta' żmienu stess" (2) U dan kollu aħna nistgħu nammirawh ukoll fil-vara tal-Madonna ta' Lourdes ta' Qrendi. Fi ftit kliem, il-vara tal-Madonna ta' Lourdes tal-Qrendi għandha post importanti fil-qasam tal-wirt artistiku ta' gżiritna, u tagħmel unur u ġieħ lil awtur tagħha, Carlo Darmanin. Xieraq għalhekk li f'dan il-ktejjeb maħruġ mid-devoti tal-Madonna ta' Lourdes fil-Qrendi, nagħmlu tifkira ċkejkna ta' dan l-artist, li permezz tal-ħidma artistika tiegħu ferraħ il-qlub ta' bosta Maltin u Għawdxin.

L-istatwarju Carlo Darmanin twieled l-Isla fit-30 ta' Awissu 1825, minn Giuseppe u Maria nee Cumbo. Tgħammed l-għada ta' twelidu minn Dun Fortunat Costu', Viċi Parroku u Dekan fi żmien l-Arċipriet Leopoldo Fiteni.(3)

Carlo Darmanin kien bin is-sengħa u tgħallem l-arti tiegħu mingħand missieru stess, Mastro Giuseppe, li kellu tfal oħra li ħadu l-istess sengħa u kienu jgħinu lil huhom Carlo f'bosta xogħlijiet tiegħu. Fost dawn kien hemm ukoll oħthom Maria, xebba mill-isbaħ li kienet isservi ta' mudella għall-anġli u figuri tan-nisa qaddisin. (4).

Il-familja Darmanin kienet mifruxa sewwa fl-Isla u l-membri tagħha kienu jaħdmu fl-irħamijiet, lapidi u plastika. Plastika hija l-kelma li kienet tintuża dari, biex tfisser li ċertu artist kien jaħdem fil-kartapesta, u mhux inaqqax fl-injam jew figuri fl-irħam. (5). Fost il-qraba ta' Carlo Darmanin li għamlu isem, nsibu 'l neputih, Gerolamo Darmanin, (1834 - 1879), l-awtur tal-vara tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Ġesu`, meqjuma fil-Parroċċa tas-Sacro Cuor, tas-Sliema (6).

Il-Fama popolari ta' Carlo Darmanin tistrieħ fuq bosta statwi sagri tal-purċissjonijiet li hu ħadem għall-knejjes ta' Malta u Għawdex. Fosthom nistgħu nsemmu s-Salvatur ta' ħal-Lija, San Gaetanu tal-Hamrun, San Ġiljan ta' San Giljan, san Leonardu ta' Hal-Kirkop, u xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta. (7) Imma Carlo Darmanin baqa' magħruf ukoll għal bosta statwi li jservu biex iżejnu t-triqat f'jum ta' festi fil-bliet u rħula ta' gżiritna, bħall-Vit-

torja ta' l-isla, belt twelidu (8) Tabilħaqq, Carlo Darmanin kien statwarju tassew prolifiku u kieku wieħed kellu jsemmi l-istatwi kollha li ħarġu minn idejh, ma jispiċċa qatt! Madankollu, bosta mix-xogħlijiet tiegħu jinsabu dokumentati fil-kitba ta' l-istoriċi P.P. Castagna u G. Faure'.

It-tabib Nicola Zammit, f'kitba tiegħu tassena 1886, josserva li s-sengħa ta' l-iskultura ġewwa gżiritna kienet sejra lura, iżda mbagħad hu jtenni li s-sengħa ta' l-istatwarju (Plastika) kienet għadha koltivata sew u li l-istatwarji ta' pajjiżna kienu kapaċi joħolqu xogħol ta' ċertu livell artistiku. U f'dan il-kuntest, it-tabib Nicola Zammit isemmi f'footnote ix-xogħol fejjiedi tal-artist Carlo Darmanin, il-prinċep ta' l-istatwarji Maltin(9). Tabilħaqq, fil-karriera artistika tiegħu ta' madwar ħamsin sena, Carlo Darmanin sab rival wieħed biss li kien iħabbatha miegħu. Dan kien l-istatwarju Vincenzo Cremona (1851 - 1912), li kważi f'kull belt u f'kull raħal tal-gżejjer Maltin għadna niltaqgħu ma' statwi tal-kartapesta maħduma minnu. (10)

Carlo Darmanin kien iżżewweġ lil Annetta Ready, u f'xi żmien wara ż-żwieġ tiegħu, kien ·mar joqgħod il-Hamrun (11). Tabilħaqq, hu miet il-Hamrun, nhar is-26 ta' Novembru 1909, fl-indirizz no. 290 Strada Reale. (12). L-Att tal-Mewt, miżmum fir-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta, jgħarrafna li martu kienet mietet qabel, jiddeskrivi s-sengħa tiegħu bħala dik ta' statuario u jgħarrafna wkoll li ndifen fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. (13)

Il-gażżetta Malta, fil-ħarġa tad-29 ta' Novembru 1909, tgħidilna li l-magħruf statwarju Carlo Darmanin miet wara li kien ilu żmien twil ibati minn marda qalila, u tagħtina din it-tagħrifa qasira dwar mewtu: "Giovedi scorso, al ħamrun, verso le ore 1030p.m. rese l-anima al suo Creatore il rinomato artista in plastica e famoso statuario, Signor Carlo Darmanin, nella veneranda eta` di 85 anni, dopo una lunga malattia che sopporto' con vera rassegnazione". (14)

JOE'S
PROFILE
ALUMINIUM



3, Valletta Road,
Żurrieq.
Tel: 829601